MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Numru 770/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Raymond D'Anastas**
**V**

**MALCOLM CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MALCOLM CUTAJAR** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Egidio u Maria nee Calleja, imwieled Pieta nhar l-erbatax ta' Marzu 1985 u residenti 'Sunrise', 1, TJriq c-Cawsli, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 171085M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tletin ta' Settembru 2005 ghalo habta tal-hamsa ta' filghodu f'Hal Qormi, irrenda ruhu komplici f'serq li sehh minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAW 573 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici fi hsara voluntarjament kagjonata fuq vetturi bin-numru ta’ registrazzjoni LAW 573 u KAH 678, liema hsara hija izjed minn hamsin lira maltin izda ma teccidix l-mitt lira maltin.

Talli fil-perjodu operattiv ta’sentenza ta’ sentejn habs sospizi ghal erbgha snin, liema sentenza hija datata hdax ta’ Marzu 2004, u li giet definittiva u ma tistax tigi mhassra, ikkommetta reat punibbli bi prigunerija.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta ta’ Awissu  2006 esibit fl-atti bhala dokument CSH 1, sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sitta ta’ Settembru 2006, meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ gudikatura kriminali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta ta’ Settembru 2006 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront  tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotta kontra tieghu.

Illi fis-seduta ta' nhar s-sitta ta' Settembru 2006, il-Qorti nnominat lis-Senior Probation Officer Mariella Camilleri sabiex thejji pre sentencing inquiry report dwar l-imputat.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2006, dehret s-Senior Probation Officer Mariella Camilleri li ppresentata u halfet r-rapport taghha li gie mmarkat bhala document MC [fol 33].

Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat kellu trobbija xejn felici u dan principament ghaliex il-missier ganduproblema akuta ta' xorb tant li anke l-isptar spicca. L-imputat ghandu tlett hutu, tnjen subien u ohtu li llum ghandha hamsa w ghoxrin sena, separate bi tlett itfal u li ilkoll jghixu f'dar wahda li tinsab fi stat t'abbandun u jinhtieg xoghol estensiv ta' manutenzjoni fiha.

Illi l-imputat kellu problemi f'zoghzitu minhabba l-atteggjament vjolenti ta' missieru li kien jerfa jdejh fuqu, jhedded lil ommu b'sikkina u fil-fatt ghamlu zmien ma jitkellmux u spicca talab l-ghajnuna ta' speech therapist. L-imputat llum il-gurnata ghan du rabbja kbira ghal missieru li fil-passat kienpuliizja u spicca parker u dan ghaliex ma jiehux hsieb l-bzonnijiet tal-familja. Tant li mil ftit xoghol li ghandu huwa jikkontribwixxi b'mod finanzjarju lejn il-familja.

Illi s-Senior Probation Officer Mariella Camilleri kienet tal-fehma fid-dawl tal-informazzjoni migbura, li din il-Qorti ghandha tesplora l-ghoti ta' sanzjoni fil-komunita u li tigi estiza s-sentenza sospiza u li jinghata ordni ta' supervizzjoni u dan il-ghan li jigi ezercitat l-element ta' kontroll fuqu u jigu trattati l-problemi li jistghu ixekklu l-andament tal-hati.

Fil-fehma taghha, huwa rakkomandat li l-Ufficjal tal-Probation jiffoka fuq l-andament tal-imputat fl-isfera socjali u dik ta' xoghol minhabba li jidhru li dawn iz-zewg elementi li huma l-bazi ta' l-istabilita tieghu. In oltre, irrakkomandat li l-vittma George Falzon jigi kkumpenstat.

Semghet lil prosekuzzjoni tivverbalizza fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2006 li taqbel li s-sentenza sospiza ghandha tigi estiza kif rakkomandat mill-Probation Officer. In oltre, tiddikjara li l-imputat ghandu jixhed fi proceduri fil-konfront ta’ terzi dwar l-istess reat.

Rat ukoll l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat kiser dufrejh mal-ligi darba meta nstab hati ta’ diversi serqiet.

**Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 42, 49, 50, 325(b), 28B(1), 28(2)(b) u 28F tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat MALCOLM CUTAJAR hati tal-akkuzi kollha kif minnu stess ammessi u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn [2] sospizi ghal erbgha [4]snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Oltre dan, tordna li l-imputat jitpogga tahht supervizzjoni ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe tul iz-zmien kollu ta’ din is-sentenza sospiza ai termini tal-artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond l-ordnijiet annessi ma din is-sentenza.

Tordna wkoll ai termini tal-artikolu 28H(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li l-hati jhallas is-somma ta’ ghoxrin [20] lira lil George Falzon rappresentanti l-hsara sofferti minnu rigward dawn l-istess reati.

Tordna wkoll ai termini tal-artikolu 28B(2)(b) li l-ordni originali moghtija bis-sahha tal-artikolu 28A(1) f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-hdax ta’ Marzu 2004 fl-ismijiet premessi, fejn inghatat sentenza ta’ prigunerija ta’ sentejn [2] sospizi ghal erbgha [4] snin, tigi estiza ghal erbgha [4] snin ohra li jibdew jiddekorru mill-lum.

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat probationer u x'jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat probationer iddikjara li fehem ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Supretendent Raymond D'Anastas**
**V**

**MALCOLM CUTAJAR**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum,……………………….. 2006**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **MALCOLM CUTAJAR gie kkundannat** ghal **piena karcerarja ta' sentejn [2] sospizi ghal erbgha [4] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' Supervizzjoni lil imputat probationer, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess probationer wera li jrid jhares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmi **MALCOM CUTAJAR** ta' ta' wiehed w ghoxrin sena bin Egidio u Maria nee Calleja, imwieled Pieta nhar l-erbatax ta' Marzu 1985 u residenti 'Sunrise', 1, TJriq c-Cawsli, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 171085M **jitqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal perjodu ta' erbgha [4] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta' tlett snin imputat probationer ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation

Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-imputat probationer ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;

3. Illi l-imputat probationer ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;

4. Illi l-imputat probationer ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probation; u

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services kif wkoll lil Ufficjal Sorveljanti nominat skond s-sub artikolu 7(8) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

……………………………..
**MALCOLM CUTAJAR**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------